# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta’ Marzu 2023**

**Rikors Numru 98/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Antoine Tanti (K.I. 378571M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**
**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta’ Frar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Il-Kummissarju tat-Taxxi impona stimi, penali amministrattivi, u kif ukoll imgħaxijiet fuq l-esponenti u dan għall-perjodu ta’ bejn l-ewwel (1) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) sal-wieħed u tletin (31) ta’ Diċembru elfejn u għaxra (2010).*

    2. *L-esponenti ħass illi dan l-eżerċizzju da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi sar b’mod inkorrett u għaldaqstant, fil-ħamsa (5) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), intavola rikors quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fejn huwa talab lit-Tribunal sabiex jikkanċella jew inaqqas l-istimi, il-penali amministrattivi u kif ukoll l-imgħaxijiet kif maħruġa mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi.*

3. *In linea preliminari, il-Kummissarju tat-Taxxi eċċepixxa d-dispost tal-artikolu 48(5) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipola li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-Awtorità da parti tal-individwu (tax payer) l-istess individwu jkun prekluż milli jippreżenta dokumenti quddiem it-Tribunal jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja illi jistgħu b'xi mod jikkontradixxu l-istejjem maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa. Dan effettivament ifisser illi jekk l-individwu ma jipprovdix lill-Kummissarju fi żmien tletin (30) jum mid-data tal-avviż tal-istess Kummissarju, id-dokumenti meħtieġa fir-rigward tal-istejjem li jridu jinħadmu, it-tali individwu ma jkunx jista' jressaq evidenza f'dan ir-rigward fi stadju ieħor.*

4. *It-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva laqa' din l-eċċezzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi u dan permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħtija fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).*

5. *L-esponenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant huwa intavola appell ai termini tal-artikolu 47(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-appell għandu n-numru ta' referenza 70/2014/1 LM.*

6. *L-esponenti umilment jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 48(5) huwa qiegħed isofri minn gambetta proċedurali u dan stante illi l-operat ta' dan l-artikolu qiegħed jimpedieħ milli jressaq il-provi rilevanti tiegħu fil-kwistjoni pendenti quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, liema impediment jivvjola d-dritt tal-esponenti għal smiegħ xieraq. Dan l-artikolu jistipola:*

> *'Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni,dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja'*

7. *In vista tal-artikolu surriferit, l-esponenti jikkontendi illi t-tħaddim tiegħu imur għal kollox kontra:*

   *a. L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
   *b. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; u*
   *c. L-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

8. *It-tliet Liġijiet fuq imsemmija lkoll iħarsu l-prinċipju fundamentali tal-ugwaljanza tal-armi, jew kif inhu risaput, il-prinċipju ta' "equality of arms" illi min-natura tiegħu jimplika u jitlob illi:"each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case –including his evidence – under conditions that do*

*not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent."*

9. *Is-sentenzi tal-Onorabbli Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jgħallmuna illi sabiex il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi jopera kif suppost, kull parti għandha ta' lanqas tingħata l-opportunità illi tippreżenta l-każ tagħha u dan taħt ċirkostanzi illi ma jqegħduhiex fi żvantaġġ vis-a-vis l-avversarju tagħha.*

10. *Huwa fatt faċilment perċepibbli illi, jekk kemm-il darba dan l-artikolu jitħalla jopera fil-kwistjoni bejn l-esponenti u l-Kummissarju tat-Taxxi, l-istess esponenti se jkun għal kollox projbit milli jressaq il-provi neċessarji sabiex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu u jirribatti l-evidenza mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi. Kważi kważi, l-esponenti se jispiċċa f'qagħda ta' kontumaċja f'kawża illi fetaħ huwa stess!*

11. *Jekk wieħed jikkunsidra s-suespost in linea mal-każ odjern, huwa konsapevoli illi l-esponenti se jkun qiegħed jiġi mċaħħad minn din id-debita opportunità illi jressaq il-provi tiegħu, u dan stante illi d-diċitura tal-artikolu 48(5) stess tipprovdi illi;*

   > *"... hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja."*

12. *L-esponenti umilment jiddikjara illi konsegwentament, hu qiegħed jitħalla mingħajr l-ebda arma sabiex ikun jista' jirribatti l-kalkoli illi għamel l-intimat Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tiegħu bir-riżultat illi l-istess intimat se jkun jista' jitħalla jgħaddi romblu minn fuq l-esponenti.*

13. *L-uniku mod effettiv kif l-esponenti jista' jirribatti għall-evidenza prodotta mill-intimat Kummissarju għat-Taxxi u kif ukoll għall-istejjem, penali u imgħaxijiet maħruġa mill-istess, huwa proprju billi jissottometti dokumentazzjoni illi b'xi mod tista' tikkontradixxihom u jitfgħu dawl fuq il-verità. Madankollu, l-istess esponenti qiegħed jiġi prekluż milli jagħmel dan frott l-operat tal-artikolu 48(5).*

14. *Is-sentenza preċitata* ***Kress v. France*** *hija awtorevoli f'dan ir-rigward u dan stante illi rriteniet is-segwenti;*

   > *"The Court has emphasised the need to respect the right to adverserial procedure, noting that this entails' the parties' right to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed, even by an independent member of the national legal service."*

15. *L-istess linja ta' ħsieb ġiet ukoll adottata mill-istess Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* ***Krcmar and Others v. The Czech Republic*** *mogħtija fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) illi ppronunċjat is-segwenti:*

> *"A party to the proceedings must have the possibility to familiarise itself with the evidence before the court, as well as the possibility to comment on its existence, contents, and authenticity in an appropriate form and within appropriate time."*

16. *L-esponenti jikkontendi illi sabiex il-prinċipji enunċjati f'dawn is-sentenzi awtorevoli jiġu applikati b'mod konkret, huwa meħtieġ illi l-esponenti jitħalla jipproduċi l-evidenza kontrarja tiegħu b'tali mod u manjiera illi huwa jitqiegħed fuq l-istess skala proċedurali illi jinsab fiha l-avversarju tiegħu.*

17. *In segwitu, jiġi umilment rilevat illi huwa għal kollox irrilevanti għall-finijiet tal-ħarsien ta' smiegħ xieraq jekk l-esponenti kkoperax jew le mal-Kummissarju tat-Taxxi meta huwa ġie mitlub sabiex jissottometti d-dokumenti tiegħu. Tabilħaqq, kwalunkwe allegat nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tat-tax payer m'għandux iservi ta' 'green light' sabiex id-drittijiet fundamentali tal-istess tax payer jiġu mittiefsa.*

18. *Jiġi ritenut ukoll illi fi stadju anteċedenti għall-inizjar tal-proċeduri amministrattivi mill-esponenti (70/2014 GV), il-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-esponenti kien qiegħed jilbes żewġt ikpiepel: dak ta' avversarju u dak ta' ġudikant jew arbitru tal-fatti. L-esponenti kellu essenzjalment jikkonvinċi bit-teżi tiegħu lill-avversarju tiegħu stess. Huwa għalhekk illi l-esponenti għandu jitħalla jissottometti evidenza kontrarja quddiem it-Tribunal – huwa biss f'dan il-punt illi kwalunkwe dokument jew evidenza se jiġi eżaminat minn lenti imparzjali, u mhux qabel. Hekk biss ikunu mħarsa d-dettami tas-sentenza appena ċitata (Krcmar and Others v. The Czech Republic).*

19. *In konklużjoni, l-esponenti jabbraċċja l-prinċipji premessi ma' obbligazzjoni pożittiva illi timpinġi fuq it-Tribunali u l-Qrati ai termini tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem. In vista ta' dan issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* **Elsholz v. Germany** *fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), fejn ġie ritenut illi:*

> *"The Court's task under the Convention is rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair."*

*Għaldaqstant, jgħidu l-intimati 'l għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv kull dikjarazzjoni jew ordni oħra meħtieġa:*

1. *Tiddikjara illi l-esponenti sofra leżjoni għad-dritt ta' smiegħ xieraq kif protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Tiddikjara konsegwentement illi, l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa null u bla effett, erga omnes, jew inkella fil-konfront tal-esponenti;*

3. *Tannulla, u tirrevoka d-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

5. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*

6. *Tagħti dawk ir-rimedju u/jew provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti.*

*Bl-imgħax legali fejn applikabbli, bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat illi fid-19 ta' April 2022 l-intimat **Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi preliminarjament u għal kull buon fini l-esponent jissenjala li l-premessi 5 u 18 tar-rikors promotur żbaljatament jirreferu għall-proċeduri bir-referenza 70/14 minflok għall-proċeduri bir-referenza 71/14 li kien parti fihom ir-rikorrent. Stante li dan huwa manifestament lapsus calami din ir-risposta ser tkun qed tindirizza l-ilmenti rikorrenti b'riferenza għal-proċeduri 71/14:*

*1. Illi sa fejn l-ewwel talba rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tali talba hija improponibbli. Dan għaliex skond l-artikolu 51, paragrafu 1, tagħha stess il-Karta tapplika biss għall-Istati Membri "meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni". Skond l-artikolu 51, paragrafu 2, "Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni".*

*Proprju fil-każ odjern l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimplementax xi liġi tal-Unjoni għax dan l-artikolu jirrigwarda proċeduri għal-ġbir ta' taxxi mhux imħallsa, li mhumiex armonizzati u li huma għal kollox kompetenza tal-Istati Membri. Dan in konformità wkoll mal-prinċipju ġenerali tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri.*

*Għalhekk l-artikolu 47 tal-Karta ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern;*

*2. Illi lanqas li kieku, sa fejn l-ewwel talba rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-artikolu 47 tal-Karta dina hija wkoll improponibbli peress li tali talba kellha f'kull każ tinġieb*

*b'rikors maħluf skond l-artikolu 164(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li ilmenti taħt l-artikoli tal-Karta tal-UE ma jaqgħux taħt il-parametri tal-artikoli 2 u 3 tar-Regoli dwar il-Prattika ul-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (liġi sussidjarja 12.09);*

*3. Illi sa fejn l-ewwel talba rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tali talba hija wkoll improponibbli.*

*In kwantu l-kuntest ċivili tal-artikolu 6 – "Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu" – dan l-artikolu ma japplikax għal proċeduri amministrattivi għal ġbir ta' taxxi mhux imħallsa (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu Ferrazzini v. Italy, 12 Lulju 2011, para. 29).*

*In kwantu l-kuntest kriminali tal-artikolu 6 – "Fid-determinazzjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu" – dan lanqas ma japplika għal proċeduri amministrattivi għal ġbir ta' taxxi mhux imħallsa stante li dawn mhumiex proċeduri kriminali.*

*Għalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern;*

*4. Illi sa fejn l-ewwel talba rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tali talba hija wkoll improponibbli. Dan kemm għall-istess raġunijiiet imsemmija fl-eċċezzjoni immedjatament preċedenti;*

*5. Illi kieku biss is-sentenza tat-Tribunal fil-kawża nru. 71/14 li biha ġie deċiż li r-rikorrent ma kellux skużanti raġonevoli skond l-artikolu 48(5) tal-Kap. 405 tal-Liġijiet ta' Malta għadha taħt appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u għalhekk r-rikorrent għadu m'eżawrixxiex ir-rimedju ordinarju disponibbli għalih;*

*6. Illi bla preġudizzju għal dak suespost, allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq skond l-artikolu 47 tal-Karta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi ssindakat fil-kuntest tal-proċediment tal-proċeduri fl-assjem u fit-totalità tagħhom u ma jistax ikun hemm analiżi iżolata ta' xi punt partikolari tal-proċedura;*

*7. Illi f'din il-vena jingħad li l-artikolu 48(5) kien jagħti lir-rikorrenti kull opportunità li jressaq id-dokumentazzjoni sħiħa tal-operazzjonijiet kollha mwettqa fil-kors jew avvanz tal-attività ekonomika tiegħu kif kien mitlub minnu mill-Kummissarju tat-Taxxi;*

*8. Illi anke wara li naqas milli jipproduċi d-dokumentazzjoni lill-Kummissarju, l-artikolu 48(5) tal-Kap. 405 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti li r-rikorrent ikollu skużanti raġonevoli għalfejn naqas milli jipproduċi d-dokumentazzjoni rikjesta u li jipproduċi provi dwar*

*dan quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Fil-fatt ir-rikorrent ingħata din l-opportunità fil-proċeduri 71/14 u fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 it-Tribunal kien sema' x-xhieda ta' ħu r-rikorrent, Johan Tanti, u tal-accountant Charles Aquilina prodott ukoll mir-rikorrent.*

*Jirriżulta mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal li r-rikorrent, mingħajr ebda skużant raġonevoli, għażel minn jeddu li jiskarta milli jressaq il-provi li kien jidhirlu relevanti fil-konfront tal-istimi tal-Kummissarju tat-Taxxi minkejja li huwa ġie notifikat b'żewġ avviżi bil-miktub skond l-artikolu 48(5) tal-Kap. 405 – allura imputet sibi;*

*9. Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu tirritjeni fil-kuntest tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq li d-drittijiet proċedurali jmorru id f'id ma' obbligi proċedurali u għaldaqstant ma jista' jingħad li kien l-ebda ksur ta' dan id-dritt fil-konfront tar-rikorrent jekk kien hu stess li m'eżerċitax b'diliġenza d-drittijiet tiegħu skond ir-rekwiżiti tal-Kap. 405 tal-Liġijiet ta' Malta. Ladarba d-deċiżjoni li ma jipproduċix d-dokumentazzjoni mitluba minnu skond dak l-att hija imputabbli lilu biss, kwalunkwe konsegwenza żvantaġġuża tinkombi fuqi stess;*

*10.Illi bla preġudizzju għal dak fuq espost, id-dritt għas-smigħ xieraq mhuwiex ikkonċernat b'kwistjonijiet ta' ammissibiltà ta' provi, imma jiggarantixxi biss li l-partijiet jinstemgħu. Għaldaqstant, l-esponent ma jarax kif l-artikolu 48(5) tal-Kap. 405 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi regola tal-ammissibilità ta' dokumentazzjoni mhux prodotta lill-Kummissarju tat-Taxxi bħala prova quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, jista' qatt jitqies li jilledi d-dritt għal smigħ xieraq;*

*11.Illi l-esponent jirrileva wkoll li f'kull każ il-vires tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa limitat għal sħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi. It-Tribunal m'għandux il-vires li jiddeċiedi hu stess l-istimi, imgħaxijiet u/jew penali amminsitrattivi għax inkella jkun qed jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-organu amministrattiv, f'dan il-każ il-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Għaldaqstant, ir-ratio legis wara l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, apparti li jiffaċilita l-ġbir ta' taxxi, huwa wkoll li jevita li jitressqu provi għal kollox inutili w irrelevanti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Id-deċiżjonijiet amminstrattivi tal-Kummissarju tat-Taxxi bilfors iridu jiġu mistħarrġa mit-Tribunal fil-kuntest tal-proċediment li huwa wettaq biex wasal għad-deċiżjonijiet amministrattivi tiegħu u mhux fil-kuntest ta' provi u/jew dokumentazzjoni li qatt ma nġabet a konjizzjoni tiegħu minkejja li dawn ġew mitluba mir-rikorrent. Ladarba, ir-rikorrent għażel li ma jressaq l-ebda prova biex jikkuntradixxi l-istimi tal-Kummissarju, wara li ġie appellat darbtejn biex jagħmel dan, kien ifisser li r-*

*rikorrent ma kellu l-ebda prova valida jew relevanti xi jressaq f'dan is-sens.*

*Ladarba l-artikolu 48(5) tal-Kap. tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax f'dan is-sens jinfluwenza l-eżitu tal-kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, allura ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq;*

*12.Illi sa fejn ir-rikorrent jilmenta dwar il-funzjonijiet mogħtija mil-liġi lill-Kummissarju tat-Taxxi fl-istadju qabel l-inizjar ta' proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (ara l-premess 18 tar-rikors promotur), l-esponent jirrileva li d-dritt għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 47 tal-Karta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplika biss għal proċeduri ġudizzjarji. Stante li l-Kummissarju tat-Taxxi li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu dwar ġbir ta' taxxi mhux imħallsa fl-ambitu ta' proċedura amminisrattiva, u mhux bħala qorti jew tribunal, l-esponent ma jarax kif id-dritt għal smigħ xieraq jista' japplika għal proċeduri amministrattivi mwettqa minn awtorità amministrattiva bħalma hu l-Kummissarju tat-Taxxi;*

*13.Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-allegazzjoni li l-artikolu 48(5) tal-Kap. 40 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 47 tal-Karta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għaldaqstant l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*14.Illi stante li r-rikors kostituzzjonali huwa infondat fil-mertu t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet rikorrenti wkoll jimmeritaw li jiġu miċħuda;*

*15.Illi fl-aħħarnett għandu jingħad li diġà ntalbet riferenza kostituzzjonali quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża nru. 71/14 dwar l-istess kwistjoni kostituzzjonali mqajjma fir-rikors odjern. Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2022 dik il-Qorti ddisponiet minn dik it-talba billi ċaħditha u ddikjarat il-kwistjoni kostituzzjonali mqajma mir-rikorrent bħala frivola u vessatorja. L-esponent jirreleva li din l-Onorabbli Qorti wkoll għandha tiddikjara l-ilment tar-rikorrent frivolu u vessatorju għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*

3. Rat illi fil-25 ta' April 2022 il-**Kummissarju tat-Taxxi** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-esponenti Kummissarju in rigward it-talba tar-rikorrenti Antoine Tanti quddiem din l-Onorabbli Qorti kostituzzjonali, in limine litis jeċċepixxi illi tali talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*

*tiddikjara illi l-Art. 48(5) tal-Kap. 406 tal- Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet tal-appellant għal smigħ xieraq kif protett mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jingħad bir-rispett illi hija improponibbli għandha tiġi rriġettata minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi rigward l-artikolu 47 tal-Karta Ewropea jingħad illi skont l-artikolu 51, para. 1., din tapplika biss għall-Istati Membri 'meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.' Illi inoltre skont l-artikolu 51, para. 2, 'Il-Karta ma testendix il-kamp tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenza tal-Unjoni'.*

3. *Illi fil-każ de quo l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimplimentax xi liġi tal-Unjoni stante illi dan l-artikolu jittratta l-proċeduri rigward il-ġbir tat-taxxi mhux imħallsa, materja li mhix armonizzata u li hija kompletament fil-kompetenza tal-Istati Membri. U dan in konformita' mal-prinċipju tal-awtonomija tal-Istati Membri fil-qafas tal-operat tal-Unjoni Ewropea;*

4. *Illi in rigward għar-referenza tal-appellant għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Kress vs France tas-7 ta' Ġunju 2001, Dombo Beheer BV vs The Netherlands tas-27 ta' Ottubru 1993 jingħad bir-rispett illi huma lkoll irrelevanti għas-soluzzjoni tal-każ in diżamina. Ergo jsegwi li għandhom jiġu skartati minn din l-Onorabbli Qorti kif sejjer jintwera aktar 'l isfel f'din ir-risposta peress illi ssemmew mill-appellant mingħajr ma studjahom sew. M'għandhom l-ebda rabta mal-liġijiet fiskali bħalma hija t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;*

*<u>Il-każ ta' Mrs Marlene Kress</u>*

*Il-każ ta' Mrs Marlene Kress jimpernja ruħu fuq il-fatt illi l-appellanti ħarrket lill-Isptar ta' Strasburgu a bażi tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni peress illi l-proċeduri amministrattivi tagħha fil-Qorti Amministrattiva ħadu fit-tul wisq biex jiġu konklużi. Hija kienet sofriet disabbilta' ta' 90% wara operazzjoni fit-8 ta' April tal-1986. il-Qorti ċaħditilha l-appell fil-5 ta' Settembru 1991. L-appellanti appellat mis-sentenza tal-Qorti Amministrattiva quddiem il-Qorti tal-Appell Amministrattiv ta' Nancy. Din il-Qorti b'sentenza tat-8 ta' April 1993 ċaħditilha l-appell.*

5. *Illi l-appellanti appellat quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni u l-Conseil d'Etat Bar. Il-Conseil d'Etat ċaħditilha l-appell fit-30 ta' Lulju 1997. L-appellanti kienet oġġezzjonat għall-fatt illi l-Kummissarju tal-Gvern kien preżenti waqt il-proċeduri tal-Conseil d'Etat, pero' l-Qorti inizjalment sabet illi dan ma kienx ta' preġudizzju għall-appellanti. Qalet:*

> *...the Court considers that the procedure followed in the Conseil d'Etat affords litigants sufficient safeguards and that no problem arises from the point of view of the right to a fair trial as regards compliance with the principle that proceedings should be adversarial.*
>
> *There has consequently been no violation of Article 6(1) of the Convention in this respect.*

6. *Illi pero' l-Qorti sabet illi kien hemm ksur tad-drittijiet tal-appellanti meta l-Kummissarju tal-Gvern kien preżenti waqt id-deliberazzjonijiet fil-Conseil d'Etat. Il-Qorti kkonkludiet hekk:*

> *87. in conclusion, there has been a violation of Article 6(1) of the Convention on account of the Government Commissioner's partecipation in the deliberations of the trial bench.*

7. *Illi l-każ dam għaxar snin, xahar u tmint ijiem biex jiġi deċiż. Il-Qorti kkonkludiet hekk fuq jekk it-tul biex jiġi deċiż il-każ kienx raġjonevoli o meno:*

> *...The Court considers that both at first instance and in the appeal on points of law there were substantial delays in the proceedings. The Conseil d'Etat's examination of the appeal on points of law, in particular, took four years and a little over one month.*
>
> *92. Having regard to its case-law on the subject, the Court holds that the length of the proceedings in issue did not satisfy the "reasonable time" requirement.*
>
> *There has been consequently a violation of Article 6(1) of the Convention.*

*Il-każ: Dombo B.V. vs The Netherlands*

8. *Illi fil-każ ta' Dombo B.V. vs The Netherlands imsemmi mir-rikorrenti f paġna 2 tar-rikors tiegħu, dan kien każ illi ġie rriferut lill-Qorti mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta' Ottubru 1992. Il-każ beda b'rikors mal-Kummissjoni kontra r-Renju tal-Olanda. It-talba tal-Kummissjoni kienet tirreferi għall-Artikoli 44 u 48 u għad-dikjarazzjoni fejn l-Olanda tirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni sforzata tal-Qorti. It-talba kienet sabiex tiġi ottenuta deċiżjoni jekk il-fatti mikxufa tal-każ kinux jiksru l-obbligazzjonijiet tal-Istat imħarrek taħt l-Artikolu 6 para. 1;*

9. *Illi 'Dombo' kienet kumpannija b'responsabbilita' limitata skont il-liġi Olandiża. Din il-kumpannija kellha l-bank Nederlandiche Middenstansbank N.V. Il-kumpannija u s-sussidjarji tagħha kellha l-possibbilita' ta' overdrawing mal-bank. F'Awwissu 1980 kellha credit facility ta' 500,000 guilders olandiżi b'faċilita' oħra ta' kreditu sa 250,000 guilders olandiżi. Fil-11 ta' Awwissu 1980 l-bank għamel kuntratt fejn ifformalizza ftehim verbali preċedenti u fetaħ joint account f'isem Dombo u s-sussidjarji tagħha, li assumiet responsabbilita' 'jointly u severally' li tonora l-obligazzjonijiet tagħhom mal-Bank.*

10. *Fil-bidu ta' Diċembru 1980 l-Bank ftiehem oralment illi jżid il-kreditu lil Dombo b'1,600,000 guilders għal total ta' 2,100,000 peress illi Dombo riedet takkwista kumpannija li kienet falliet. Is-sur Van Reijendam il-managing director, bil-kitba ftiehem illi jidħol garanti għal Dombo u s-sussidjarji fl-ammont ta' 350,000 guilders. Il-bank ħareġ letters of credit f'numru ta' każijiet;*

11. *Fil-bidu ta' Jannar 1981 Dombo ġiet offruta li tieħu żewġ kumpanniji oħra li kienu fi problemi finanzjarji. Biex tieħu dawn il-kumpanniji Dombo kienet teħtieġ li żżid il-kreditu għal 5,000,000 guilders. Il-Bank in vista ta' dan, ħallas 350,000, u sussegwentement aċċetta illi s-Sur Reijendam jiġbed 100,000 guilder oħra. Il-Bank manager kellu bżonn garanzija għal dawn il-flus u qal lil Reijendam jiffirma prokura in bjank. Il-Bank uża dak id-dokument sabiex in-nutar tiegħu jagħmel kuntratt fejn il-proprjeta' immobbli kollha ta' Dombo, il-kumpanniji sussidjarji u s-Sur van Reijendam personalment ikunu garanti. Dan il-'mortgage' kien garanzija għall-estensjoni tal-kreditu għal 1,600,000 guilder.*

12. *Illi fit-28 ta' Jannar 1981 il-Bank inaspettattivament u għal ebda raġuni irtira l-konfidenza fis-sur van Reijendam, qallu biex jirreżenja u ffriża l-accounts kollha ta' Dombo bla ebda avviż, dan minkejja illi l-bilanċ dak in-nhar kien ta' 783,436.06 guilder, u għaldaqstant sew fil-limitu ta' 2,100,000 guilder konċess;*

13. *Il-Bank qal illi kien ftiehem fil-prinċipju dwar l-estensjoni pero' kien talab ċerta informazzjoni addizzjonali, inkluż l-istatement annwali għas-sena preċenti,1979. Dawn qatt ma waslulu. Ftehim biex tiżdied il-faċilita' tal-kreditu kif allega Dombo, għaldaqstant qatt ma seħħ;*

14. *Il-Bank irrikonoxxa li kien hemm talba għal estensjoni tal-faċilitajiet tal-kreditu biex jinkisbu l-kumpanniji. Qal illi s-Sur van Reijendam kien indika illi oħrajn kienu ser jagħmluha ta' garanti. Għal mill-anqas 2,000,000 guilder. Qal illi kien kiteb lura lil Dombo fit-22 ta' Jannar 1981 illi kien qabel fil-prinċipju għal estesjoni tal-faċilita' tal-kreditu għal 5,000,000 guilder, kemm-il darba jingħata l-istatements annwali u s-securities. Kompla:*

> *No annual statements had been forthcoming, nor any securities either, and so the bank had written to Dombo on 19 March 1981 withdrawing the offer.*

15. *Il-Bank qal illi Van Reijendam kien daħaq bih u innega illi kien hemm prokura in bjank. Innega ukoll kategorikament illi kien iffriża l-accounts ta' Dombo fit- 28 ta' Jannar 1981. Qal illi l-ġbid tal-flus kien ta' 784,657.75 waqt illi f-massimu li seta' jinġibed kien ta' 750,000g. Qal illi ma kellux aktar fiduċja fis-Sur van Reijendam. Van Reijendam kien sospiż bħala managing director fl-4 ta' Frar 1981 u ftit wara ddaħħal f'istituzzjoni mentali fuq ordni*

*tal-qorti. Mill-4 ta' Frar 1981 sat-23 ta' Marzu 1981 il-Bank kompla jinnegozja ma' management differenti. Kompla jagħti faċilitajiet ta' kreditu lil Dombo. Wara li van Reijendam irritorna l-Bank tah kull opportunita' biex inaqqas id-dejn, pero' meta dan għamilha ċara li ma kienx ippreparat jagħmel dan, il-Bank annulla l-faċilita' tal-kreditu mit-30 ta' Ottubru 1981 u ffriża l-accounts*

16. *Illi fil-11 ta' Marzu wara ordni tal-qorti Dombo ssekwestrat xi flus li kellha tagħti lill-Bank u tellgħet il-Bank quddiem il-Qorti Reġonali ta' Arnhem. Il-Qorti wara trattazzjoni twila bil-kitba (3 darbiet) ssuġġeriet illi jsir ftehim bonarju. Il-Bank appella minn dan il-ġudizzju interlokutorju billi sostna illi t-talba ta' Dombo kellha tiġi skartata immedjatament. Il-Bank appella minn dan il-ġudizzju lill-Qorti tal-Appell ta' Arnhem. Il-Qorti tal-Appell irrifjutat li tilqa' l-argumenti tal-Bank u kkonfermat il-ġudizzju tal-Qorti Reġjonali;*

17. *Illi fuq talba taż-żewġ partijiet il-Qorti tal-Appell ma bagħtitx il-każ lura lili-Qorti Reġjonali, iżda semgħetu hija stess. Il-Bank oġġezzjona illi van Reijendam jixhed. B'sentenza tat-12 ta' Frar 1985 l-Imħallef laqa' din l-eċċezzjoni. Kien konvint illi t-tkeċċija ta' van Reijendam minn managing director kienet messa in scena sabiex dan ikun jista' jixhed. Sostna illi r-raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu kienu implawsibbli. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 1986 ċaħdet l-appell billi qalet illi l-ftehim ma ġiex ippruvat;*

18. *Dombo appellat fuq punt ta' dritt lill-Qorti Suprema f'Ġunju 1986. Iċċitat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li jiggarantixxi smigħ xieraq u l-ugwaljanza tal-armi bejn il-partijiet;*

19. *L-Advocate General fl-opinjoni tagħha tat-8 ta' Jannar 1988 sostniet illi "Dombo was right to argue that 'according to current legal opinion' a person could be identified with a party should be allowed to testify." Il-Qorti Suprema fid-19 ta' Frar ċaħdet l-appell. Irriġettat l-argumenti ta' Dombo "based on 'current legal opinion', considering that the law of evidence in force was based on the exclusion of parties as witnesses in their own case so that it was not possible to anticipate the entry into force of the new law, which had an entirely different structure" (fil-fatt il-liġi kienet inbidlet wara li seħħ il-każ oriġinarjament);*

20. *Illi fil-15 ta' Awwissu 1988 Dombo irrikorriet lejn il-Kummissjoni. Allegat illi r-rifjut tal-qrati li jisimgħu lid-direttur jew ex-direttur tagħha bħala xhud waqt illi kienu semgħu lil manager tal-Bank jixhed qegħduha fi żvantaġġ vis-a-vis l-opponent bi ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza salvagwardat fl-Artikolu 6 para. 1 tal-Konvenzjoni. Fit-3 ta' Settembru 1991 il-Kummissjoni ddikjarat ir-rikors ammissibbli. Fir-rapport tagħha tad-9 ta' Settembru 1992 magħmul taħt l-artikolu 31, esprimiet l-opinjoni illi kien hemm ksur tal-Artikolu 6 para.1. Sabet illi l-qrati nazzjonali rrifjutaw lill-ex-*

*managing director, is-Sur van Reijendam milli jixhed filwaqt illi ppermettew il branch manager tal-bank jixhed meta dan kien l-unika persuna preżenti waqt il-ftehim orali li seħħ bejniethom;*

21. *Illi fil-fehma tagħha il-qrati nazzjonali naqsu milli josservaw il-prinċipju tal-'equality of arms' u naqsu milli jagħtu lill-kumpannija d-dritt għal smigħ xieraq iggarantit mill-artikolu 6(1) illi jaqra:*

> *'in the determination of his civil rights and obligations...everyone is entitled to a fair hearing ...'*

22. *ll-Qorti kkonkludiet b'ħames voti kontra erbgħa illi kien hemm ksur tal-Artikolu 6 para.1 tal-Konvenzjoni.*

<u>*Amand Paul Veranneman vs L-Avukat tal-Istat u b'digriet tal-25 ta' Frar 2020 ġie kjamat fil-kawża l-Kummissarju tat-Taxxi.*</u>

23. *Illi issa l-esponenti ser jagħmel referenza għal żewġ kawżi illi huma tassew relevanti u li jsaħħu t-teżi tiegħu l-għaliex m'għandhiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti minn din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Dawn il-kawżi jittrattaw dwar l-aspett fiskali li hu intimament konness mal-każ preżenti. L-ewwel waħda hija dik fl-ismijiet: <u>Amand Paul Veranneman vs L-Avukat tal-Istat</u> u b'digriet tal-25 ta' Frar 2020 ġie kjamat fil-kawża l-Kummissarju tat-Taxxi, deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 mill-Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) deċiża mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti. It-tieni kawża hija dik C-294/20 tad-9 ta' Settembru 2021 tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) fl-ismijiet; <u>GE Auto Service Leasing GmbH vs Tribunal Economico Administrativo Central</u>;*

24. *Fil-kawża ta' Veranneman, il-Kummissarju tat-Taxxi quddiem it-Tribunal Amministrattiv, ġie akkużat illi kiser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent billi naqas milli jagħti smigħ xieraq meta allegatament kiser il-prinċipju tal-audi alteram partem u dak tan-nemo judex in causa propria fejn l-appellant allega illi il-Kummissarju wasal għal stima manifestament ħażina. Ir-rikorrenti kien talab lit-Tribunal:*

    a. *Jiddikjara l-aġir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ultra vires u kontra d- dettami ta' mġiba amministrattiva tajba u tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u tad-drittijiet fondamentali tiegħu;*

    b. *Jiddikjara li l-Ordni tai-Ħlas hekk kif ikkomunikata lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi appellat permezz tal-ittra datata 23 ta' Mejju 2018 nulla u mingħajr effett legali; u*

    c. *Konsegwentement iħassar u jirrevoka l-istess deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi surreferita.*

25. *Skopra fil-mori tal-appell illi l-Kummissarju mingħajr ma avżah, kien qiegħed japplika l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kien qiegħed jivversa l-pagamenti li kien qiegħed jivversa kontra d-denunzji tat-taxxa kienu qegħdin jiġu applikati kontra l-imgħaxijiet u l-penali li kienu qed jiżdiedu minflok kontra l-pagamenti tal-kapital.*

26. *Saħaq illi l-artikolu 67 tal-Kap. 406 imur kontra l-prinċipju tal-equality of arms kif ukoll kien joħloq piż sproporzjonat fuqu. Kompla anke jekk l-aġir tal- Kummissarju kien legali peress illi sar a tenur tal-liġi, kien qed jilledi d-dritt fondamentali tiegħu kif sanċit mill-Artikoli 6 kif ukoll mill-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali;*

27. *Talab illi l-Onorabli Qorti jogħġobha Tiddikjara l-aġir tal-Kummissarju in kwantu attribwixxa l-pagamenti rateali tat-taxxa dovuta għall-ħlas tal- imgħaxijiet u penali li minn żmien għal żmien kienu qed jakkumulaw fuq l-arretrati jammontaw għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċit mill-Artikolu 6 kif ukoll mill-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali. Konsegwentement tipprovdi rimedju.*

28. *L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jgħoddux u għaldaqstant ir-rikorrent ma setax iqanqal dan l-artikolu biex jattakka d-dispost tal-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Kompla illi ma setax jifhem kif l-artikolu 67 tal-Kap 406 kien imur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi jikser il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi billi r-regola tal-liġi riedet illi l-ħlas ta' parti mid-dejn tat-taxxa kellu l-ewwel jaqta' l-imgħax u mbagħad wara jaqta' l-kapital. Ma fehemx kif dan kien b'xi mod itellef jew jiżvantaġġja lir-rikorrent fif-proċess ġudizzjarju quddiem it-Tribunal;*

29. *Irrimarka illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi dwar garanziji proċedurali illi jridu jiġu mħarsa fi proċess ġudizzjarju biex ikun jista' jingħad li smigħ ikun tmexxa b'mod xieraq u ġust. Żied illi l-artikolu 67 tai-Kap. 406 ma għandu x'jaqsam xejn mal-mod kif għandu jinżamm proċess ġudizzjarju. Illi lanqas ma kien jidher illi dan l-artikolu kien qiegħed ixekkel b'xi mod milli jinżamm smigħ xieraq. Saħaq ergo, illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma kienx applikabbli fil-konfront tal-artikolu 67 tal-Kap. 406;*

30. *Illi dwar l-ilment tar-rikorrent sa fejn jolqot l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, qal:*

> *...tajjeb li jingħad li kif insibu msemmi fil-proviso tiegħu, dan l-artikolu ma għandu b'ebda mod inaqqas id-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhiru xierqa biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Sewwa*

*sew f'dan il-każ m'hemmx dubju li l-artikolu 67 tal-Kap. 406 joħroġ mil-liġi u li dan jiġi impost fl-interess ġenerali.*

31. *Fir-risposta tiegħu l-Kummissarju qabel perfettament ma' dak li qal l-Avukat tal-Istat. Kien qal illi ma setax jifhem kif ir-rikorrenti żeffen fin-nofs id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-kwistjoni stante illi f'materja bħal dik in eżami indubbjament ma kinux applikabbli. Qal illi kellu biss l-awtorita' vestita fih bil-Liġi biex jamministra d-dispożizzjonijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-Kap 406 u kwindi kellu l-obbligu li jiġbor it-taxxa dovuta lill-erarju pubbliku (kif ukoll interessi u penali amministrattivi talli dina t-taxxa ma tkunx tħallset). Il-fatt illi jeżerċita tali fakulta' vestita fih mill-Parlament Malti u fil-parametri tal-liġi, ċertament illi b'daqshekk ma kienx qiegħed jikser l-ebda drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ħadd ma kien prekluż milli jfittex rimedji legali sanċiti mill-istess Kap. 406 jekk kien jidhirlu li d-drittijiet tiegħu ġew b'xi mod ġew leżi;*

32. *Illi dak li ngħad supra japplika ċertament għal dak li jgħid l-artikolu 48(5) tal- Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta illi qiegħed jiġi attakkat bħala anti ġuridiku u anti kostituzzjonali mir-rikorrent;*

33. *Illi l-Kummissarju qal illi r-rikorrenti kien żbaljat meta qal illi kien ħariġlu stima mingħajr ma nformah u li b'hekk allegatament kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet fondmentali tar-rikorrenti billi naqas milli jagħtih smigħ xieraq, senjatament dak tal-audi et alteram partem u dak tan-nemo iudex in causa propria u li wasal għal stima manifestament ħażina. Qal illi l-aggravju tar-rikorrenti illi ma ngħatax ċans iressaq il-provi tiegħu kien infondat fil-fatt u fid-dritt. Qal illi kieku saret stima kienet issir talba biex jiġu ppreżentati d-dokumenti u wara ssir investigazzjoni fuq dawk id-dokumenti.*

34. *Il-Kummissarju kkonkluda hekk:*

> *14. Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu jista' b'xi mod jinkiser il-prinċipju tal-equality of arms mill-esponenti a detriment tar-rikorrenti. Illi billi l-liġi tesiġi li ħlas ta' parti mid-dejn ta' taxxa dovuta l-ewwel jaqta' l-imgħax u mbagħad wara taqta' l-kapital dan jista b'xi mod jiżvantaġġja lir-rikorrenti fil-proċess ġudizzjarju pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

35. *Dwar l-ilment tar-rikorrenti illi l-Kummissarju konvenut kasbar id-dritt fondamentali tiegħu sanċit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, senjatment l-ugwaljanza tal-armi, meta attribwixxa pagamenti magħmula minnu kontra l-imgħax u penali minflok kontra l-kapital mingħajr ma avżah kien ictu oculi infondat. Kompliet illi ma kienx applikabbli fir-rigward ta' proċeduri ċivili li jittrattaw materja ta' taxxa, u dan peress li kwistjonijiet dwar taxxa ma jitqiesux bħala "drittijiet jew obbligi ċivili" ai termini tal-istess Konvenzjoni. Is-Sinjurija tiegħu kkwota mis-sentenza Ferrazzini v. Italy (QEDB, 12/07/2001):*

*"In the tax field, developments which might have occured in democratic societies do not, however, affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. In comparison with the position when the convention was adopted, those developments have not entailed a further intervention by the State into the "civil" sphere of the individual's life. The Court considers that tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant. Bearing in mind that the Convention and its Protocols must be interpreted as a whole, the Court also observes that Article 1 of Protocol No. 1, which concerns the protection of property, reserves the right of States to enact such laws as they deem necessary for the purpose of securing the payment of taxes (see, mutatis mutandis, Gasus Dosierund Fordertechnik GmbH v. Netherlands, judgement of 23 February 1995, Series A no. 306-B, pp. 48-49 £ 60). Although the Court does not attach decisive importance to that factor, it does take it into account. It considers that tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer";*

36. *Il-Qorti qalet illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kien japplika biss fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja quddiem tribunal. Sabet illi l-Kummissarju konvenut żgur li ma kienx jikkwalifika bħala "tribunal" fir-rigward imressaq mill-attur. Ikkwotat il-każ: Bentham v. The Netherlands (QEDB, 23/10/1985) fejn ġie ritenut illi " ...a power of decision is inherent in the very notion of "tribunal" within the meaning of the Convention" u li l-entita' in kwistjoni għandu jkollha l-poter li tagħmel "determination ...of the matters in dispute". Iddikjarat illi l-ilment tal-attur ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ċċitat minnu kien infondat u kien qed jiġi miċħud;*

37. *Il-Qorti rigward il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar l-artikolu 1 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni qalet li l-Istat għandu marġini ta' diskrezzjoni ferm wiesgħa fejn si tratta ta' liġijiet ta' taxxa proċedurali, liġijiet li jirregolaw il-formalitajiet tat-taxxa, inkluż l-infurzar tagħhom għall-pagamenti tat-taxxi. Qalet illi fis-sentenza fl-ismijiet Gasus Dosier - und Fordertechnik GmbH v. The Netherlands (QEDB, 23/02/1995) spjegat f'dan ir-rigward illi:*

*"...the legislature must be allowed a wide margin of appreciation, especially with regard to the question whether - and if so, to what extent - the tax authorities should be put in a better position to enforce tax debts than ordinary creditors are in to enforce commercial debts. The Court will respect the legislature's assessment in such matters unless it is devoid of reasonable foundation."*

*Il-Qorti sabet illi l-applikazzjoni tal-artikolu 67 mill-Kummissarju ma tax lok għall-ħolqien ta' piż sproprzjonat kif allega l-attur. Sabet illi ma kienx jirriżulta li l-miżura impunjata kienet waħda irraġjonevoli ai termin tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Irriżultalha illi l-ilment tal-attur kien infondat;*

38. *Illi jiġi ribadit illi li kieku l-artikolu 67 tal-Kap.406 kellu jiġi sostitwit bl-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 il-pożizzjoni legali tibqa' l-istess meħud kont il-każistika Ewropeja fuq riferita kif ingħad supra;*

39. *Il-każ ta': GE Auto Service Leasing GmbH vs Tribunal Economico Administrative Central;*

40. *Illi dan il-każ C-294/20 tad-9 ta' Settembru 2021 tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) huwa relevanti għas-soluzzjoni tal-każ in diżamina. Dan kuntrarjament għas-sentenzi msemmija mill-appellant, huwa każ fiskali u l-fattispeċji tal-każ jittaljaw perfettament mal-każ quddiem din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;*

41. ***Auto Service** kienet kumpannija stabilita fil-Germanja li fit-30 ta' Gunju 2006 u fid-29 ta' Gunju 2007, ressqet talbiet għar-rimbors quddiem l-Oficina Nacional de Gestion Tributaria tal-ammonti tal-VAT imħallsa minn imprendituri jew professjonisti mhux stabiliti fit-territorju ta' applikazzjoni tat-taxxa matul is-snin finanzjarji 2005 u 2006;*

42. *Fid-19 ta' Marzu 2008, l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola bagħtet żewġ talbiet lil Auto Service sabiex din tibgħatilha l-oriġinali tai-fatturi li abbażi tagħhom Auto Service talbet l-imsemmi rimborż u tipprovdilha preċiżazzjonijiet dwar tranżazzjonijiet imwettqa fi Spanja. Kif ukoll dwar l-assenjazzjonijiet tal-oġġetti jew tas-servizzi akkwistati kkonċernati mit-talba għar-rimbors. Fit-12 ta' Diċembru 2008, Auto Service indikat lill-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola li kellha diffikultajiet sabiex tipproduċi d-dokumenti mitluba;*

43. *Illi permezz ta' deċiżjonijiet tat-18 ta' Frar 2009 u tal-21 ta' April 2009 l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola innotifikat lil Auto Service illi kienet ċaħdet it-talbiet tagħha għar rimborż. Auto Service ippreżentat appell intern kontra dawn id-deċiżjonijiet. Irrikonoxxiet in-natura tardiva tat-tweġiba tagħha. Bagħtet xi fatturi iżda mhux il-fatturi kollha li a bażi tagħhom kienet talbet ir-rimborż tal-VAT.*

44. *Illi peress illi ma kellhiex id-dokumenti kollha mitluba, fl-1 ta' Frar 2010, l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola tat deċiżjoni li ċaħdet l-appell intern u li kkonfermat ir-rifjut tar-rimbors għar-raġuni li Auto Service ma kinitx ipprovat il-fondatezza tat-talbiet tagħha;*

45. *Auto Service ikkontestat din id-deċiżjoni u rreferiet il-kawża quddiem it- Tribunai Economico - Administrative Central (il-Qorti Fiskali Ċentrali) u pproduċiet fatturi ta' provvista ta' servizzi, kuntratti ta' leasing, u diversi dikjarazzjonijiet perjodiċi tal-VAT kif ukoll dikjarazzjonijiet uffiċjali maħruġa mill-awtoritajiet Ġermaniżi fil-kwalita' tagħha ta' persuna taxxabbli li tgawdi minn*

*dritt għal tnaqqis. It-Tribunal Economico-Administrativo Central (il-Qorti Fiskali Ċentrali) ċaħdet it-talbiet ta' Auto Service, minħabba li l-provi relevanti li kellhom jinġiebu quddiem il-korp ta' ġestjoni kompetenti u li dawn ma setgħux jiġu prodotti fl-istadju tal-proċedura ta' lment;*

46. *Illi fl-24 ta' Jannar 2013, Auto Service ippreżentat rikors kontenzjuż amministrattiv quddiem l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja) kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-Tribunal Economico-Administrativo Central (il-Qorti Fiskali Ċentrali). Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonaii) ċaħdet dan ir-rikors;*

47. *Illi Auto Service ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) kontra din is-sentenza;*

48. *It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) qieset li, bla ħsara għall-eżistenza ta' abbuż ta' dritt, id-dritt Spanjol jobbliga lill-qrati kontenzjużi amministrattivi jieħdu in konsiderazzjoni l-provi li persuna taxxabbii ma tkunx ikkomunikat lill-amministrazzjoni fiskali fl-istadju tal-istruzzjoni amministrattiva tal-fajl tagħha;*

49. *Illi peress li ma kienx ikkontestat li l-kundizzjonijiet ta' dritt għar-rimborż tal- VAT, previsti fi-Artikolu 119 tad-Direttiva 2006/112, kienu sodisfatti fil-kawża prinċipali, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) annullat is-sentenza tal-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali) u ordnat li l-kawża dwar Auto Service tintbagħat lura quddiem din il-qorti, b'tali mod li hija tiddeċiedi fid-dawl tal-provi inklużi fil-fajl dwar it-talba għar-rimbors tai-VAT imressqa minn din il-kumpannija;*

50. *Illi l-Qorti Nazzjonali qalet illi kieku kellha taddotta r-raġunament tal-Qorti Suprema probabbilment kienet tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 u tal-artikolu 7 tat-tmien Direttiva tal-VAT, peress illi Auto Service ma wrietx fit-termini stabbiliti minn din tal-aħħar dispożizzjoni d-dritt tagħha għar-rimbors tal-VAT, minkejja illi hija tqiegħdet f'pożizzjoni li tagħmel dan mill-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola;*

51. *Illi f'dan ir-rigward enfisizzat illi għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġa' iddeċidiet li l-ksur ta' obbligi formali ma jistax, bħala priċipju, jwassal għat-telf tad-dritt għal tnaqqis, xorta jibqa' l-fatt madankollu, li tali kundizzjonijiet formali jistgħu jikkostitwixxu l-mezz sostantiv tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt u li dawn jirregolaw il-modalitajiet u l-kontroll tal-eżerċizzju tal-imsemmi dritt kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-VAT.*

52. *Illi l-qorti tar-rinviju indikat illi kien f'dan l-ispirtu li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkonsidra l-possibbilita' li jiġi eżerċitat id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT mingħajr limitazzjoni ratione temporis tmur*

*kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, li titlob illi s-sitwazzjoni fiskali tal-persuna taxxabbli, fid-dawl tad-drittijiet u tal-obbligi tagħha fir-rigward tal-amministrazzjoni fiskali, ma tkunx tista' tiġi kkontestata b'mod indefinit.*

53. *Indikat illi sa fejn l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola ħadet il-miżuri kollha neċessarji sabiex tippermetti persuna taxxabbli tipproduċi d-dokumenti ii jistgħu jistabbilixxu d-dritt tagħha għar rimbors tal-VAT u li din tal-aħħar ma għamlitx dan fit-termini stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tat-Tmien Direttiva tal-VAT, din il-persuna taxxabbli għandha titqies li hija prekluża fid-drittijiet tagħha, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 34 tas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, Elsacom (C-294/11, EU:2012:382).*

54. *Il-qorti tar-rinviju qalet illi fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Suprema li tipprovdi l-mument li fih il-persuna taxxabbli tipproduċi l-provi li fuqhom hija bbażata t-talba tagħha huwa rrilevanti fil-qasam tar-rimbors tal-VAT, għandu jiġi evalwat jekk id-dewmien fil-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti kienx inġustifikat li seta' jiġi meqjus li jikkostitwixxi prattika abbużiva. Illi skont din il-qorti:*

*Id-dewmien min-naħa ta' Auto Service fil-kawża prinċipali sabiex tipproduċi il-provi tad-dritt għal rimbors jista' jiġi kkunsidrat li juri l-mala fide tagħha. peress li hija intenzjonalment u voluntarjament ħbiet mill-amministrazzjoni, mingħajr ebda raġuni apparenti u minkejja d-diversi opportunitajiet li hija kellha sabiex issegwi l-approċċ tagħha, l-informazzjoni li kienet neċessarja sabiex tikseb ir-rimbors tal-VAT.*

55. *Illi in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti Nazzjonali ddeċidiet illi tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel dawn id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:*

*1. Jekk kienx ammess li persuna taxxabbli li tkun intalbet repetutament mill-amministrazzjoni tat-taxxa biex tissodisfa l-kundizzjonijet tagħha għad-dritt għar-rimbors, ma twettaqx dak li huwa mitiub mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġjonevoli u li wara li r-rimbors ma jkunx ingħatalha, tipposponi il-produzzjoni ta' dokumenti sakemm jintlaħaq l-istadju ta' reviżjoni jew ta' proċedura ġudizzjarja?*

*2. Il-fatt li persuna taxxabbli ma tipprovdix l-informazzjoni neċessarja li tagħmel dan u meta kien meħtieġ minnha li tagħmel dan, meta ma għamlitx dan mingħajr raġuni ġustifikata, u meta għall-kuntrarju din l-informazzjoni tiġi pprovduta volontarjament iktar tard lill-organu ta' reviżjoni ġudizzjarja, jista' jitqies bħala abbuż ta' dritt?*

*3. Il-persuna taxxabbli mhux stabbilita, sew għaliex ma tkunx ipproduċiet fit-terminu u mingħajr ġustifikazzjoni raġjonevoli l-*

*informazzjoni rilevanti sabiex tistabilixxi d-dritt tagħha għal rimbors, jew inkella għaliex tkun aġixxiet b'mod abbusiv, titlef id-dritt tagħha għal rimbors ladarba jkun iddekorra t-terminu previst jew mogħti f'dan ir-rigward u l-amministrazzjoni tat-taxxa tkun tat deċiżjoni li tiċħad ir-rimbors?*

56. *Illi Auto Service sostniet illi t-talba preliminari kellha tiġi ddikjarata inammessibbli peress illi d-domandi tal-qorti ta' rinviju kienu ġia' deċiżi mill-Qorti Suprema u li kwindi kienu res judicata. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet illi skont ġurisdizzjoni stabbilita l-qrati nazzjonali kellhom l-aktar possibbilita' wiesgħa li jadixxu liil-Qorti tal-Ġustizzja b'domandi ta' interpretazzjoni tad-disposzzjonijiet relevanti tad-dritt tal-Unjoni. Iddeċidiet illi t-talba għal deċiżjoni preliminari kienet ammissibbli;*

57. *Illi il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju fundamentali ta' newtralita' tal-VAT jesiġi li t-tnaqqis jew rimbors tal-VAT tal-input jingħata jekk ir-rikwiżiti sostantivi jkunu ssodisfatti, anke jekk il-persuni taxxabbli jkunu naqsu milli jissodisfaw ċerti rekwiżiti formali. Madankollu, dan ma jkunx il-każ jekk il-ksur ta' tali rekwiżiti proċedurali jkollu l-effett li jwaqqaf milli tiġi prodotta l-prova ċerta li r-rekwiżiti sostantivi ġew issodisfatti (sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Rimbors tal-VAT - Fatturi), C- 371/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:936, punti 80 u 81 kif ukoll il-Ġurisprudenza ċċitata);*

58. *Illi kompliet illi mill-Artikoli 3 u 4 tat-Tmien Direttiva tal-VAT jirriżulta li persuna taxxabbli tista' tibbenefika biss mir-rimbors tal-VAT biss jekk tissodisfa l-obbligi previsti f'dawn l-artikoli, li jinkludi l-preżentazzjoni tal-oriġinali tal-fatturi jew tad-dokumenti ta' importazzjoni tat-transazzjonijiet suġġetti għall-VAT fl-Istat Membru ta' rimbors. Il-Qorti irrimarkat illi l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola talbet lil din il-kumpannija tipproduċi provi addizzjonali għat-talbiet inizjali tagħha b'mod partikolari l-produzzjoni tal-fatturi kollha li fuqhom dawn it-talbiet kienu bbażati, kif ukoll dokument tal-Istat Membru tas-sede tal-imsemmija kumpanija, madanakollu din ma ppreżentatx id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-amministrazzjoni fiskali;*

59. *Illi l-Qorti tal-Ġustizzja qalet illi kienet diġa' ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva tal-VAT ma jipprekludux leġislazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha d-dritt għal tnaqqis tal-VAT jista' jiġi rrifjutat lil persuni taxxabbli li jkollhom fatturi inkompleti. Kompliet illi b'analoġija d-dispożizzjonijiet tat-tmien Direttiva ma jipprekludux leġislazzjoni nazzjonali tipprovdi li d-dritt għar-rimbors tal-VAT jista' jiġi rrifjutat meta persuna taxxabbli ma tipprovdix, mingħajr ġustifikazzjoni raġjonevoli u minkejja t-talbiet għal informazzjoni li ġew indirizzati lilha, id-*

*dokumenti li jippermettu li jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet sostantivi sabiex tikseb dan ir-rimbors huma ssodisfatti, qabel mal-amministrazzjoni fiskali tadotta d-deċiżjoni tagħha;*

60. *Illi l-Qorti kompliet illi l-Amministrazzjoni Fiskali Spanjola talbet, darbtejn, lil Auto Service tipprovdilha l-informazzjoni nieqsa u li kienet neċessarja sabiex tevalwa d-dritt għar-rimbors tal-VAT in kwistjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jiġi kkonstatat illi l-amministrazzjoni fiskali użat, mingħjar suċċess, id-diliġenza neċessarja sabiex tikseb il-provi li jippermettu li tiġi stabbilita l-fondatezza tat-talba għal rimbors imressqa minn Auto Service;*

61. *Illi l-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet illi: "Id-dispożizzjonijiet tat-Tmien Direttiva tal-Kunsill 79/1072/KEE tas-6 ta' Diċembru 1979 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabbli...il-prinċipju ta' newtralita' fiskali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludix li talba għal rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tiġi miċħuda meta l-persuna taxxxabbli ma tkunx, fit-termini moghtija, ippreżentat lill-amministrazzjoni fiskali kompetenti, anke fuq talba ta' din tal-aħħar, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tistabbilixxi d-dritt tagħha għal rimbors tal-VAT..."*

62. *Illi meħud kont dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja supra, l-esponenti ma jistax ma jsemmix il-mod arroganti kif Johan Tanti f'ismu u bħala rappreżentant ta' ħuh, ir-rikorrent odjern wieġeb lill-Maġistrat Vella meta din staqsietu f'seduta quddiem it-Tribunal Amministrattiv kif f'erba' xhur ma ġabx id-dokumenti minnu mitluba lit-TCU. Dan irrespondiha - 'forsi ma sibtx il-ħin';*

63. *Illi din it-tweġiba hija xhieda ċara ta' din l-attitudni arroganti tar-rikorrenti. Inputet sibi għan-nuqqasijiet flagranti tiegħu u l-ebda skuża fjakka li ġab ma tiskolpah min-nuqqasijiet flagranti tiegħu fl-osservanza tal-Kap. 406. Isegwi ergo illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta mit-Tribunal kienet inevitabbli u ġusta. L-appellant injora b'mod irrisponsabbli l-obbligi fiskali tiegħu u jkollu jbati l-konsegwenzi li ġab b'idejh. Irriżulta inekwivokament quddiem it-Tribunal illi r-rikorrenti mtngħajr ebda skużanti raġjonevoli għażel minn jeddu illi ma jressaqx il-provi biex jissostanzja l-każ tiegħu quddiem it-Tribunal minkejja l-estensjoni ta' żmien li ngħata mill- Kummissarju/TCU;*

64. *Illi l-Artikolu 48(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar it-tiżmim ta' dokumentazzjoni u tagħrif li għandha tinżamm minn pagatur tat-taxxa, testwalment jgħid:*

> *Kull persuna li tkun suġġetta għat-taxxa fuq xi operazzjoni jew li tidentifika lilha nnifisha bħala persuna reġistrata taħt dan l-Att għall-għan ta' xi operazzjoni', għandba żżomm dokumentazzjoni sħiħa u kif imiss ta' kull operazzjoni bħal dik.*

65. *Illi fil-fehma umili tal-esponenti s-sub-artikolu (5) tal-artikolu 48 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li testwalment jgħid:*

> *Il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lill kull persuna li tipproduċi, jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom:*
>
> *Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi provviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja:*
>
> *Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħoi, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoii għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

66. *Illi l-applikazzjoni tas-subartikolu surreferit ma tilledix id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent meħud kont illi dan jirriżulta inekwivokament illi wettaq nuqqasijiet flagranti u issa qiegħed jimputa dawn l-aggravji kollha versu l-esponenti. Dan meta lanqas biss indenja jippreżenta mqar kopja tal-financial statements fl-istadju tal-investigazzjoni. Illi r-rikorrent allega illi kien bidel l-accountant pero' tali bdil tal-accountant fil-liġi ma jeżonorahx milli jgħaddi lill-esponenti jew l-aġent/delegat tiegħu (it-TCU) fil-każ in diżamina, id-dokumentazzjoni minnha rikjesta sabiex din tagħmel l-investigazzjoni tagħha skont il-liġi;*

67. *Illi l-appellat jirrileva illi n-non kuranza grossolana tal-appellant li naqas milli jżomm proper accounts tan-negozju tiegħu żgur illi ma tiskolpahx mill-obbligi fiskali tiegħu li jottempora ruħu mad-dettami tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponenti ma jisforza/jhedded lil ebda taxpayer sabiex jimxi mal-Liġi. Il-Kummissarju hu obbligat jimxi ma' kulħadd bl-istess riga u kejl. Jekk l-operat tal-appellant kien monk ma jaħti ħadd ħliefu għal dan l-istat ta' fatt infeliċi li ġab b'idejh;*

68. *Illi fil-każ in diżamina t-taxpayer liberament għażel illi jinjora l-Liġi, eventwalment ikollu jħallas għan-nuqqasijiet fiskali tiegħu. Pero' ma jistax jipprova jinkolpa lill-esponenti għan-nuqqasijiet flagranti tiegħu. Imputet sibi għas-sitwazzjoni infeliċi li daħal fiha b'għajnejh miftuħa. Għaldaqstant, dan l-hekk imsejjaħ aggravju tal-appellanti, jingħad bir-rispett, għandu jiġi miċħud minn din l-Onorabbli Qorti;*

69. *Illi dak li ngħad supra l-esponenti ma vvintahx minn żniedu iżda rriżultalu waqt l-investigazzjoni li għamel dwar l-appellant u jinsab ikkorroborat bil-fatti inbattibbli mressqa mili-appellat waqt*

*is-smigħ tal-appell quddiem it-Tribunal. Dan il-każ huwa mera preċiza tal-każ GE Auto Service Leasing GmbH vs Tribunal Economico Administrative Central ċitat supra;*

70. *Illi jingħad bir-rispett illi l-Artikolu 39 tal-Kostutizzjoni ma nkisirx in rigward id- drittijet fondmentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq meta l-esponenti applika l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 39 bażikament jittratta dwar proċedimenti kriminali, di fatti l-kelma Reat/i kriminali tissemma' disa' darbiet f'dan l-artikolu. Illi dan l-artikolu ma nkisirx fil-konfront tar-rikorrent. Illi jiġi ribadit illi dan l-artikolu jiggarantixxi d-dritt kostituzzjonali ta' persuna għal smigħ xieraq u mhux ikkonċernat dwar kwistjonijiet ta' ammissibbilita' ta' provi. L-esponenti kwindi ma jistax jifhem kif l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 jista' b'xi mod jitqies illi jista' jikser dan id-dritt tar-rikorrent;*

71. *Illi t-talba tar-rikorrenti fejn talab dikjarazzjoni ġudizzjarja illi sar ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jingħad bir-rispett dovut illi dina t-talba hija wkoll improponibbli. Jingħad illi dan l-artikolu ma nkisirx fil-konfront tar-rikorrenti. Illi kif ġia' ngħad supra, fil-kuntest ċivili tal-artikolu 6 - "Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu" - dan l-artikolu ma japplikax għal proċeduri amministrattivi i.e. il-ġbir tat-taxxi, mansjoni prettament fiskali, ara Ferrazzini v. Italy para. 29, 12 ta' Lulju 2011 (Qorti ta' Strasburgu) fejn l-Istat igawdi minn marġini wiesgħa ta' 'appreciation' fl-operat fiskali tiegħu. Illi l-ġurisprudenza hija favur l-intimat u tafferma illi fi proċedimenti fiskali reġimi ċivili jew kriminali ma japplikawx;*

72. *Illi hawn l-esponenti jagħmel referenza għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell (Kornpetenza Inferjuri) fl-Appell Inferjuri Numru: 71/2014 LM fl-ismijiet: Antoine Tanti (K.l. nru. 378571M) vs Kummissarju tat-Taxxi tal-14 ta' Jannar 2022 fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrent Antoine Tanti għar-referenza kotituzzjonali. L-Onorabbli Qorti qalet hekk fil-paragrafi 12 u 13:*

> *12. Din il-Qorti tqis illi l-appellant kellu kull opportunita' li jressaq l-evidenza illi ried iressaq, kieku għamel dan fiż-żmien moghti lilu mil-liġi, u kienet biss għażla tiegħu li m'għamilx dan fil-ħin li kellu jagħmlu. L-imsemmi subartikolu jistipola illi t-tax payer jista' jkollu skużanti raġonevoli għalfejn ikun naqas milli jipproduċi d-dokumentazzjoni rikjesta mill-Kummissarju entro t-terminu moghti mil-liġi. Imma ma jidhirx iili fil-każ odjern l-appellant kellu xi skużanti raġonevoli għal dan in-nuqqas tiegħu.*
>
> *13. Tqis ukoli illi l-poteri mogħtija lill-Kummissarju tat-Taxxi bis-subartikolu (5) tal-artikolu 48 tal-Kap. 406 jaqgħu entro l-marġini wesgħin ta' diskrezzjoni li għandu l-Istat. Il-Qorti għal dak li jirrigwarda liġijiet li jirregolaw il-ġbir effiċjenti tat-taxxi, ma tara xejn f'dankollu li jista' jikser id-dritt għal smigħ xieraq, b'mod partikolari l-prinċipju ta' audi alteram partem.*

> *14. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, tqis illi t-talba għal riferenza kostituzzjonali li saret mill-appellant, hija intempestiva, frivola u vessatorja, u għalhekk tiċħad it-talba.*
>
> *Għaldaqstant, l-appellat jesponi bir-rispett illi mis-suespost għandu jirriżulta ampjement illi l-esponenti ma kisirx id-drittijiet sanċiti mill-Karta Ewropea, senjatament l-artikolu 47 tagħha, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent u jitlob bir-rispett illi t-talbiet kollha tar-rikorrent jimmeritaw illi jiġu miċħuda stante illi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *Għaldaqstant fid-dawl ta' dana kollu l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet suesposti, jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

**Provi:**

4. Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentata fil-25 ta' April 2022 fejn il-Kummissarju tat-Taxxi eżebixxa diversi dokumenti li għamel użu minnhom sabiex iwieġeb għar-rikors Kostituzzjonali odjern.

5. Rat li fit-3 ta' Mejju 2022 ġie verbalizzat li din il-kawża miexja mal-kawża 99/2022 FDP filwaqt illi l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet.

6. Rat li fil-5 ta' Lulju 2022 l-avukat difensur tar-rikorrent ippreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. (fol 167).

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġunta tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentata fit-3 ta' Novembru 2022 (fol 176).

8. Rat illi fit-3 ta' Novembru 2022 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

9. Jirriżulta li, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi impona stimi penali u imgħaxijiet fuq ir-rikorrent għal perjodu bejn 1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrent intavola rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva Rikors Numru 70/2014 fejn ilmenta li l-istejjem, il-penali u l-imgħaxijiet ma sarux b'mod korrett, u talab lit-tribunal jikkanċellahom.

10. Jirriżulta li l-appellat Kummissarju invoka l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta w it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-sentenza preliminari deċiża fit-13 ta' April 2021, laqgħet din l-eċċezzjoni tal-appellat Kummissarju.

11. Jirriżulta illi r-rikorrent kien appella minn din is-sentenza preliminari quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-proċeduri numru 71/2014LM fl-ismijiet Antoine Tanti vs Kummissarju tat-Taxxi u f'dawk il-proċeduri tal-appell, ir-

rikorrent talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-artikolu 48(5) tal-Kap 406 jilledi d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

12. Jirriżulta li l-Qorti tall-Appell (Sede Inferjuri) iddeċidiet dik it-talba għal referenza Kostituzzjonali billi ċaħditha u qisitha frivola u vessatorja.

13. Jirriżulta li, sussegwentement, ir-rikorrent ippreżenta l-proċeduri odjerni fejn talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-artikolu 48(5) tal-Kap 406 jilledi d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, ossija l-istess ilment Kostituzzjonali bħal dak tal-proċedura 71/2014 LM.

**Ikkunsidrat**

14. Jirriżulta, kif ġia fuq osservat, illi r-rikorrent qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa qed jinvoka wkoll l-artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

15. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat, Avukat tal-Istat, kif ukoll l-intimat Kummissarju tat-Taxxi, qajjem varji difiżi, kif fuq aħjar deskritti.

**Mertu tal-każ**

16. Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi <u>meta ma setax iressaq il-provi li huwa xtaq quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva fejn kien qed jikkontradixxi l-istejjem maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi</u>. Għalhekk, l-ilment tiegħu huwa ippernjat fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet ta' smiegħ xieraq ibbażat fuq nuqqas ta' 'equality of arms' fil-proċedura quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni tat-Taxxi.

17. Ir-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok, qed jilmenta min-nuqqas ta' smiegħ xieraq abbażi tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea u a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fit-tieni lok, qed jilmenta dwar ksur ta' drittijiet umani ai termini tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

18. Il-Qorti tibda biex tosserva illi li l-każ odjern ġie intavolat wara li ġie deċiż il-każ 71/2014 LM, fejn ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u fl-istess appell saret referenza Kostituzzjonali li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-każ 71/2014 LM fl-14 ta' Jannar 2022. Fil-fatt, il-każ odjern ġie ippreżentat fit-22 ta' Frar 2022 wara li ġie deċiż il-każ sureferit.

19. Għalhekk, il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, fejn saħaq illi r-rikorrent ma kienx eżawrixxa r-rimedji kollha, ma huwiex f'loku u qed jiġi miċħud.

20. Dwar din is-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, ingħad preċiżament hekk:

> *"Din il-Qorti tqis li l-appellant kellu kull opportunita` li jressaq l-evidenza illi ried iressaq, kieku għamel dan fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, u kienet biss għażla tiegħu li m'għamilx dan fil-ħin li kellu jagħmlu. L-imsemmi subartikolu jistipula illi t-taxpayer jista' jkollu skużanti raġonevoli għalfejn ikun naqas milli jipproduċi d-dokumentazzjoni rikjesta mill-kummissarju entro t-terminu mogħti mil-liġi. Imma ma jidhirx li fil-każ odjern, l-appellant kellu xi skużanti raġonevoli għal dan in-nuqqas tiegħu.*
>
> *Tqis ukoll li l-poteri mogħtija lill-kummissarju tat-taxxi bis-subartikolu (5) tal-artikolu 48 tal-Kap 406 jaqgħu entro l-margini wesgħin ta' diskrezzjoni li għandu l-istat. Il-Qorti għal dak li jirrigwarda liġijiet li jirregolaw il-ġbir effiċjenti tat-taxxi, ma tara xejn f'dan kollu li jista' jikser id-dritt għal smiegħ xieraq, b'mod partikolari il-prinċipju ta' audi alteram partem.*
>
> *Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, tqis illi t-talba għal referenza Kostituzzjonali li saret mill-appellant, hija intempestiva, frivola u vessatorja u għalhekk tiċħad it-talba."*

21. Fl-istadju tal-Appell, jidher ċar illi saret referenza Kostituzzjonali fejn intalab li jiġi dikjarat li l-artikolu 48(5) tal-Kap 406 kien qed jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent. Huwa proprju għalhekk, li din il-Qorti bdiet billi tiċċita dak deċiż dwar dan il-punt diġà sollevat mir-rikorrent u diġà deċiż. Dan qed jingħad stante li, anke fil-każ in eżami huwa qed jerġa' jattakka l-istess artikolu 48(5) tal-Kap 406, billi jsostni li dan l-artikolu qed jilledi d-drittijiet tiegħu li jressaq il-provi, b'hekk qed isostni nuqqas ta' smiegħ xieraq ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

22. F'dan l-istadju, jiġi innutat a priori, li l-ilment Kostituzzjonali li qed iressaq ir-rikorrent f'dan il-każ diġà ġie deċiż kif hawn fuq suċitat, permezz tar-referneza Kostituzzjonali li saret quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).Għalkemm, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell erronjament irreferiet għall-artikolu tal-liġi bħala 48(6) tal-Kap 406, minn qari tas-sentenza jidher evidentement li ġie trattat l-artikolu 48(5) tal-Kap 406. Għaldaqstant, il-kwistjoni Kostituzzjonali sollevata fil-każ in diżamina, diġà ġiet deċiża

23. Madankollu, din il-Qorti xorta ser tagħmel l-istħarriġ tagħha u tagħti l-motivi tagħha dwar jekk it-talbiet tar-rikorrent humiex proponibbli jew le.

24. L-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal*

*indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

25. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" ingħad:

> *"A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a speċifiċ right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

26. L-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi:

> *(1) "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi."*
>
> (2) *Kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

27. Fl-ewwel lok, jingħad li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg kif ukoll ta' din il-Qorti, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigħ xieraq wieħed irid jara u jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara wkoll ad eż. l-każ **Van Mechelen and Others vs The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997), fejn ingħad hekk:

> *"When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings.....This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings......."*

28. Dan l-istess prinċipju ġie rikonoxxut u applikat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Arrigo and Vella vs Malta** (6569/04) deċiża fl-10 ta' Mejju 2005, fejn ġie ribadit:

> *"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6(1) of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see **R.D. vs Spain** no. `5921/89, Commission decision of 1 July 1991). The Court noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants` submissions do not disclose any such circumstances (See **Putz vs Austria** no. 18892/91 decision of 3rd December 1993)."*

29. Fil-każ **Dimech vs Malta** (34373/13) deċiża fit-2 ta' April 2015, ġie ritenut li f'każ ta' stħarriġ jekk il-proċedura ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

> *"The Convention organs have also consistently held that such an issue can only be deterimined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been signifcant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case(see inter alia **X vs Switzerland** no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982; **B vs Belgium** Commission decision of 3 October 1990)."*

30. Ir-rikorrent sostna, fis-sottomissjonijiet, li qed jikkontendi li l-artikolu 48(5) tal-Kap 406 jivvjola d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq fejn jibbaża l-ilment tiegħu fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi li għandu jiġi ikkunsidrat flimkien mad-dritt tal-individwu għal smiegħ avversali, u saħaq il-punt tiegħu li, minħabba l-artikolu 48(5) tal-Kap 406, huwa ma setax iressaq il-provi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema provi huwa ma ġabx għall-avversarju tiegħu il-Kummissarju tat-Taxxi.

31. Illi l-intimati kemm fis-sottomissjonijiet, kif ukoll fl-eċċezzjonijiet, sostnew l-inapplikabilita` tal-Artikolu 6 u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ġie spjegat li s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi bħala awtorità inkarigata biex tiġbor it-taxxi, tistrieħ fuq dik ir-regola tal-evidenza, li qiegħed jattakka ir-rikorrent permezz tal-artikolu 48(5) tal-Kap 406. Referibbilment għal dan il-punt, saret referenza għal każ **Ferrazzini vs Italy** deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Lulju 2001 (Applic. Nr 44759/98), fejn ġie deċiż li dak li qed jiġi attakkat f'dak il-każ, huma s-setgħat tal-Kummissarju u tal-proċeduri amminsitrattivi li jagħtuh id-dritt jiġbor l-informazzjoni u evidenza minn persuna taħt investigazzjoni biex jużahom għall-istejjem li hu għandu dmir bil-liġi li joħroġ. Bl-istess mod saret referenza għall-każ **Allen vs**

**Uk** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Settembru 2002 (Applic Nr. 76574/01) fejn ġie ribadit:

> *"The Court considers tax matters still form part of the hard core of public authority prerogatives."*

32. Huwa veru, kif jirritjenu diversi awturi, bħal **Clayton R. & Tomlinson H**, 2001, Fair Trial Rights, Oxford pg 88-89, li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxu d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> *......the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, aspects of general right to a fair hearing, the following implied rights:*
>
> *a) The right of access to the courts*
> *b) The right to be present to an adversarial hearing*
> *c) The right to equality of arms*
> *d) The right to a fair presentation of the evidence*
> *e) The right to cross-examin, and*
> *f) The right to reasonal judgement.*

33. Dawn l-istess prinċipji hawn fuq imsemmija huma garantiti wkoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

34. Ir-rikorrent, fil-proċeduri odjerni, qed jittenta jsostni li huwa sofra ksur ta' dritt ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq għaliex ma kienx f'qagħda ta' 'equlity of arms' mal-kontro-parti, fil-proċeduri tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Ammisitrattiva. Ir-rikorrent ikompli jsostni, li kien konsegwenza tal-artikolu 48(5) tal-Kap 406 u dak hemmhekk stipulat li huwa naqas milli jipproduċi l-provi li kien jeħtieġlu jressaq sabiex jintlaħaq dan ir-rekwiżit ta' 'equality of arms'.

35. Din il-Qorti wara li stħarrġet l-atti u r-riżultanzi fattwali kollha, tqis li dak sostnut mir-rikorrent f'dan ir-rigward m'għandux mis-sewwa. Ma jirriżultax, di fatti, li huwa ġie b'xi mod imċaħħad milli jippreżenta provi konsegwenza tal-artikolu 48(5) tal-Kap 406. Tenut kont ta' dak sostnut mill-intimati, kif ukoll ta' dak deċiż fil-kawża tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 71/2014, ir-rikorrent ingħata l-opportunita` mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jerġa' jressaq il-provi. Anzi kien proprju ir-rikorrent Tanti, li naqas milli jressaq id-difiżi tiegħu fit-terminu stipulat mid-disposizzjoni tal-liġi. Minkejja dan xorta ingħata estensjoni mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex iressaq il-provi. Madanakollu, r-rikorrent, minflok ressaq il-provi meħtieġa, kien aktar ħsiebu biex jippreżenta ilmenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali.

36. Għalhekk, din il-Qorti tqis, li l-każ in eżami huwa tentattiv ieħor da parti tar-rikorrenti jallega vjolazzjoni ta' dritt ta' smiegħ xieraq, jipprova jattakka l-artikolu 48(5) tal-Kap 406, abbuż ċar tal-proċedura Kostituzzjonali, tenut kont, li diġà ingħatat deċiżjoni dwar l-ilment imressaq f'dan il-każ.

37. F'dan il-kuntest tajjeb din il-Qorti tifli d-disposizzjoni tal-liġi, li r-rikorrent qed jattakka, ossija l-**artikolu 48(5) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta** li jistipula:

> *"Il-Kummissarju jista' f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4) jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi, jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, inkluż terza persuna id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom.*
>
> *Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja."*

38. Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, huwa evidenti li l-liġi qed issemmi terminu. Din hija xi ħaġa li tinstab f'diversi disposizzjonijiet legali oħra, fosthom, id-disposizzjoni li tipprovdi terminu għall-kontumaċja, kif ukoll b'analoġija, jista' jiġi indikat ukoll l-Artikolu 166A tal-Kap 12, fejn hemm stipulat li min ma jirrispondix f'terminu ta' tletin jum, jiġi titolu eżekuttiv.

39. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li, la darba r-rikorrent kellu terminu ben stabbilit, u huwa għażel illi ma jonorax tali stipulazzjoni u ma jippreżenta ebda dokumentazzjoni fit-terminu pre-stabbili, ma jista' jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' drittijiet umani abbażi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas abbażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

40. Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent ingħata l-opportunita, quddiem it-Tribunal, sabiex jiġġustifika tali nuqqas, w il-ġustifikazzjoni tiegħu kienet illi ma kellux ħin, ġustifikazzjoni li ċertament ma tista' qatt titqies bħala waħda aċċettabbli.

41. Fid-dawl ta' dan, l-ilment tar-rikorrent fejn jirrigwarda smiegħ xieraq a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa improponibbli, għar-raġunijiet kollha spjegati.

**L-ilment tar-rikorrent – L-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

42. Ir-rikorrent sostna li huwa sofra l-istess leżjoni kif fuq deskritt, iżda din id-darba tad-drittijiet fondamentali ai termini tal-Artkolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

43. Din il-Qorti għalhekk ser tgħaddi issa biex teżamina l-ilment tar-rikorrent abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

44. L-**artikolu 47** tal-karta tad-drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula:

*"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantita mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu ivvjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

*Kull persuna għandha d-dritt għal smiegħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibilta` li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrapreżentata.*

*Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv tal-ġustizzja."*

45. L-**artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** jipprovdi li:

*"1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-karta huma intiżi għall-istruzzjonijeit għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta` u għall-Istati membri wkoll biss meta ikunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenza tal-unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*

*2. Il-karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi tal-unjoni jew ma tistabilixxix ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi definiti tat-Trattati."*

46. Fis-sit elettroniku tal-**Aġenzija FRA** (**European Union Agency for Fundamental Rights** (Artikolu 51 Kamp ta' applikazzjoni [European Union Agency for Fundamental Rights] (europea.eu)), l-Artikolu 51 ġie spjegat hekk:

*"L-iskop tal-artikolu 51 huwa li jiddetermina l-istess kamp ta' applikazzjoni tal-karta. Huwa intiż sabiex jistabbilixxi b'mod ċar li l-Karta tapplika primarjament għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, b'konformita` mal-prinċipju ta' sussidjarjeta`. Din id-disposizzjoni kienet abbozzata skont l-artikoli 6(20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jobbliga lill-unjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u skont il-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Kolonja. It-terminu 'istituzzjonijiet' huwa rikonoxxut fit-Trattati. L-espressjoni 'korpi u aġenziji' hija użata komunament fit-Trattati sabiex tirreferi għall-awtoritajiet kollha stabbiliti mit-Trattati jew mil-leġislazzjoni sekondarja (ara per eżempju , l-Artikolu 15 jew 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea).*

*Fir-rigward tal-Istati Membri joħroġ b'mod ċar mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali definit f'kuntest ta' l-Unjoni jorbot biss lill-Istati*

*membri meta dawn jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni (is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1989, Wachauf (5/88, Gabra 1989,p.2609); tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89), Gabra 1991 p.I-2925) u tat-18 ta' Diċembru 1997 annibaldi (C-309/96. Gabra p. I-7493). Reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonfermat din il-każistika kif ġej: 'Barra minn hekk ta' min ifakkar li r-rekwiżiti li jemanaw mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema legali komunitarja jorbtu wkoll lill-Istati membri meta dawn jimplimentaw ir-regoli tal-Komunita`.....' (sentenza tat-13 ta'April 2000, Karlsson u oħrajn (C-292/97, Gabra 2000, p. I-2737 punt 37). Mingħajr dubju din ir-regola, kif asserita f'din il-Karta, tapplika għal awtoritajiet ċentrali kif ukoll għal korpi raġonevoli u lokali, u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, meta dawn jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni."*

47. Hawnhekk, tajjeb jiġi puntwalizzat li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalkemm mhux inkorporat fil-leġislazzjoni domestika speċifika, huwa applikabbli u għandu effett fuq pajjiżna. Jiġi wkoll ippreċiżat li permezz tal-artikolu 3 tal-Kap 460 il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea torbot lil Malta u hija parti mil-liġi domestika nostrana. Fil-fatt, dan ġie affermat fil-każ **Raymond Caruana vs L-Avukat Ġenerali** (16/2011) deċiża fit-28 ta' Frar 2013 fejn ingħad:

*"Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-imsemmija Karta illum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija li l-Qrati Maltin iridu jqisu u jħaddmu bħal ma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett."*

48. Fil-każ C-206/13 **Cruciano Siragusa vs regione Sicilia Sopritendenza Beni Culturali e Ambientali di Palermo** deċiża Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Marzu 2014, ingħad hekk:

*"Under article 51(1) thereof the provisions of the Charter are addressed to the Member States only when they are implementing EU law. Article 6(10 TEU and Article 51(2) of the Charter specify that the provisions of the Charter are not to extend in any way the competences of the Union as defined in the treaties. Accordingly, the court is called upon to interpret, in the light of the Charter, the law of the European Union within the limits of the powers conferred on it (see Case C-256/11 Dereci and others [2011] ECR-11315, paragraph 71 and the case law cited)."*

49. Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi, fejn jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, dak li jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati tagħna huwa jekk hemmx ksur li jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea.

50. Fil-każ in eżami, madanakollu, l-ilment tar-rikorrent evidentement ma jirrigwardax it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni. Di fatti, dak li qed jilmenta minnu huwa nuqqas ta' ammissibilta` ta' provi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li ċertament hija materja ferm differenti. Kif tajjeb eċċepit

mill-Kummissarju tat-Taxxi, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent, l-artikolu 48(5) tal-kap 406, ma jimplimentax liġi tal-Unjoni iżda jittratta biss proċedura ta’ taxxa.

51. Għalhekk, in vista tas-suespost, l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni huwa inapplikabbli għall-każ odjern.

52. Konsegwentement, din il-Qorti ser tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-intimati Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni f’dan ir-rigward, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati difensuri tar-rikorrent u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tal-intimati għar-raġunijiet spjegati, għajr għal ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, illi qed tiġi miċħuda.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent**.**

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur